KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14/25

10 ta' Novembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fil-tlieta ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**14.25.1 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

14.25.1.1 Ma kienx hemm.

**14.25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

14.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 14.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

14.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sur Christopher Bruno l-minuti ta' seduta 14.25 ġew approvati unanimament.

13.25.2.3 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**14.25.3 Punti mill-Minuti Preċedenti**

10.25.4.1 **Trejqet iċ-Ċimiterju**

Is-Sindku aġġorna l-Kunsill dwar il-proġett fi Trejqet iċ-Ċimiterju fejn infurmahom illi bħalissa għaddejjin xi verifiki mal-Kummissjoni Għall-Persuni b'Diżabilita` dwar il-permess. Filfrattemp, informa wkoll li l-Ġimgħa 7 ta' Novembru 2025 inħarġet is-sejħa għar-restrorazzjoni għall-ħitan tas-sejjieħ li jappartjenu għall-istess proġett.

12.25.4.2 **Studju dwar l-Impatt Soċjali kkummisjonat mill-Kunsill Reġjonali (*Open Libraries*)**

Is-Sindku stieden il-Kunsill biex jaraw l-erbgħa *open libraries* li bħalissa jinsabu l-Kunsill u li ser jiġu nsallati madwar il-Kalkara. Matul il-laqgħa ġie maqbul li dawn l-*open libraries* ser jitwaħħlu fi Ġnien Rnella, Ġnejnet iċ-Ċkejken Ziam, il-Pjazza ta' Santa Liberata u Pjazza Sagra Familja.

Is-Sindku semma' wkoll li kien hemm il-ħsieb li fil-futur tiġi nstallata oħra fi Ġnien is-Salvatur. Dan għaliex matul dawn l-aħħar ġranet, ikkomunikaw miegħu Generation Change, NGO li taħdem f'ħdan il-kommunita' u nfurmawh li bħalissa qed tiġi restawrata dgħajsa ċkejkna u li fiha ser ikun hemm *open library* li tissejjaħ *play boat*. Din l-NGO talbitu sabiex din il-*play boat* titpoġġa fi Ġnien is-Salvatur.

Il-Kunsill unaniment qabel mal-proposta tal-NGO.

13.25.4.2 **Community Working Scheme**

Kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill dwar tibdil fil-ħaddiema provduti mill-Community Workers Scheme, is-Sindku ikkonferma li bħalissa il-

ħaddiema kemm dawk li jaħdmu fl-amministrazzjoni kif ukoll dawn li jagħmlu l-manutenzzjoni qiegħed imqassam tajjeb.

13.25.4.3 **Kuntratt Ġdid Għal-Librar minn Malta Libraries**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkomunika mal-Librar tal-Kunsill dwar il-possibilita\` li l-librerija tibda tinfetaħ kull nhar ta' Sibt filgħodu u jwaqqa' ġurnata minn matul il-ġimgħa. Il-Librar ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba. Għalhekk qabel il-Kunsill jipproċedi, intalab sabiex isir studju ta' kemm persuni ser jitolbu s-servizz tal-librerija matul ix-xahar ta' Diċembru 2025 sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk jibdlux il-ġurnata fost il-ġimgħa mas-Sibt filgħodu.

13.25.4.4 **Jum il-Kalkara**

Il-Kunsill iddiskuta l-proġramm tal-attivitajiet fl-10 ta' Diċembru 2025, f'Jum il-Kalkara fejn il-proġramm jikkonsisti f'quddiesa, ċerimonja u diskors mis-Sindku akkumpanjat b'*reception* żgħira.

Is-Sindku informa wkoll li ntbagħtet imejl lil kull għaqda lokali fejn informawhom bid-data ta' dan il-jum.

12.25.5.1 **Kwisitjoni Dwar il-Fatturi Pendenti dwar il-Ġbir ta' Skart**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill abbozza ittra dwar il-kwistjoni tal-fatturi pendenti. Din l-ittra ser tintbagħat lir-Reġjun Port sabiex jirrevedi l-fatturi pendenti skont it-talba tal-Kunsill.

13.25.4.5 **Xogħolijiet relatati mas-Sistema tal-Ilma tax-Xita fi Triq San Mikiel**

Is-Sindku kkomunika ma' Infrastructure Malta dwar ix-xogħolijiet infrastrutturali mas-sistema tal-ilma tax-xita fi Triq San Mikiel. Huwa talab li ssir laqgħa ma' din l-Entita\` u għalhekk ġiet skedata laqgħa għal nhar il-Erbgħa 19 ta' Novembru 2025 flimkien mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiddiskutu l-*way forward* għax-xogħolijiet li hemm bżonn inkluż assistenza min-naħa ta' Infrastructure Malta.

13.25.4.6 **Aspett Finanzjarju ta' Villa Portelli l-Parti Devoluta lill-Kunsill**

Din il-materja ser tiġi diskussa matul it-taqsima 'Kommunikazzjoni mis-Sindku'.

**14.25.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

14.25.4.1 **Fatturi Pendenti dovuti l-Kuntrattur li kien Joffri s-Servizz ta' Knis ta' Toroq, Ġbir ta' Skart Ġoff u Kiri tal-Van tal-Kunsill**

Is-Sindku flimkien mal-Aġent Segretarju nforma li wara snin twal il-fatturi pendenti li kienu dovut lill-kuntrattur li kien joffri diversi servizz lill-Kunsill għal dawn l-aħħar snin ġew imħallsa fl-intier tagħhom, bl-aħħar pagament li tħallas matul ix-xahar ta' Novembru 2025.

14.25.4.2 **Rapport dwar il-Quarterly Report (Q3) bejn Ġunju u Settembru 2025**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv provda spjegazzjoni dettaljata dwar il-Quarterly Report bejn Ġunju u Settembru 2025. Għat-tielet darba konsekuttiva l-Kunsill reġa' għamel *surplus* fil-finanzi tal-Kunsill.

14.25.4.3 **Fondi Għal Skema tal-Milied**

Din is-sena, il-Kunsill ser jibbenefika minn fondi għall-skema relatata mat-tiżjin u attivitaijiet tal-Milied provduti mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali. L-ammont huwa ta' € 15,000 fejn parti minnu ser imur għat-tiżjin tax-Xatt u Misraħ Arċisqof Gonzi u l-parti l-oħra ser tkun iddedikata għall-attivitajiet Natalizji. Ma' dan l-ammont, il-Kunsill reġa' applika għall-fondi mill-Awtorita` Għat-Turiżmu u għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunsill reġa' ottjena €5,000. Għalhekk, b'kollox il-Kunsill ser jibbenefika mill-ammont ta' € 20,000.

Is-Sindku ikkonferma illi l-Kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied u li ntgħażel l-irħas wieħed. Qal dan, wara li saret l-evalwazzjoni skont il-linji gwida flimkien mas-Sa Sultana.

Is-Sindku semma' wkoll li s-sena l-oħra kienu tqassmu xi fondi lit-tlett għaqdiet biex ramaw fl-akkwata fejnj hemm il-binja tagħhom. Din is-sena ser jerġa' jsir l-istess biex il-Kunsill isostni lil dawn l-għaqdiet.

L-attivita' Natalizja ser tkun organizzata għal nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru 2025, filgħaxija u ser tkun mifruxa fi Pjazza Sagra Familja, fi Triq Rinella u f'Misraħ Arċisqof Gonzi.

Is-Sa Chircop talbet li jsir ukoll tiżjin madwar il-binja tal-Kunsill iġifieri f'Wesgħet l-10 ta' Diċembru 1897.

14.25.4.4 **Laqgħa msejħa b'Urġenza mir-Reġjun Port**

Is-Sindku talab sabiex il-laqgħa tal-Kunsill li kienet skedata nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2025 fit-5.30pm ssir fit-3pm minħabba li l-President tar-Reġjun Port talab laqgħa b'urġenza għal rigward il-kwistjoni tal-għażla dwar l-European Capital of Culture 2031. Dwar din il-kwistjoni, is-Sindku esprima l-opinjoni tiegħu fejn qal li f'dan l-istadju huwa qiegħed jissaportja lis-Sur Boxall, is-Sindku tal-Birgu. Huwa wera' d-disappunt tiegħu, mhux għax il-Kunsill tal-Birgu ma ntagħżilx imma għaliex il-Kunsill tal-Birgu lanqas għadda għal *pre-selection process* u għalhekk ser ikun qed isaqsi ħafna mistoqsijiet quddiem il-Fondazzjoni Kottonera li ħadet ħsieb il-proċess kollhu tal-applikazzjoni. Deher biċ-ċar illi din in-nominazzjoni li ppreżentat din il-Fondazzjoni kienet tant fqira, inferjuri u mhux professjonali illi l-applikazzjoni lanqas biss għaddiet minn dan il-*pre-selection process* kif semma' aktar kmieni.

14.25.4.5 **Proposta mill-NGO, Generation Change**

L-NGO, Genration Change għamel kuntatt mal-Kunsill dwar proġett li xtaqt jagħmel bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Din l-NGO ottjeniet fondi mill-Unjoni Ewropea, bl-għan li joħloqu l-proġett bl-isem ta' Play Boat. Il-

proġett jikkonsisiti f'librerija (*open library*) li jkollha forma ta' dgħajsa. Wara li din l-open library tkun lesta, huma talbu lill-Kunsill sabiex jiġi ddentikat postfejn għandha tiġi nstallata. Il-Kunsill mhux ser jidħol f'ebda spejjeż u ser tkun lesta sal-aħħar t'April 2026.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

14.25.4.6 **Talba Għall-Installazzjoni ta' Staffef Ġodda fil-Van Kommunitarju**

Is-Sindku ippropona illi wara talbiet minn diversi anzjani, jiġu nsallati staffef mal-van komunitarju sabiex tiżdied l-aċċessibilita`. L-ispiża għal dan iż-żewġ staffef ser titla' għal € 1,840.

Dawn l-istafef ser jiġu nstallati fl-ewwel tlett xhur tas-sena d-dieħla peress li ma kienux ibbaġitjati għal din is-sena.

IL-Kunsill unanimament qabel ma' din it-talba.

13.25.4.6 **Aspett Finanzjarju ta' Villa Portelli, il-Parti Devoluta lill-Kunsill**

Il-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand l-Awtorita` tal-Ipjannar sabiex iħallas l-ammont ta' € 18,000 fi żmien sitt xhur ħalli jipproċedu bil-permess. Dan il-ħlas huwa maqsum f' żewġ partijiet – waħda titratta kontribuzzjoni ta' € 11,000 li tkopri l-penali ta' nuqqas ta' tlett parkeġġi li ser jitnaqqsu minħabba l-proġett tar-restawrazzjoni ta' Villa Portelli, il-parti l-oħra tal-ammont titraatta garanzija bankarja ta' € 7,000 fuq ix-xogħolijiet ta' restrawrazzjoni li ser isiru. Il-garanzija bankarja tingħata lura meta titlesta r-restawrazzjoni.

Dawn l-ispejjeż ser jitħallsu fl-Ewwel Kwart tas-sena d-dieħla ħalli l-Kunsill ikunu jista' jirriserva dan l-ammont għall-baġit tal-Kunsill tas-sena dieħla.

14.25.4.7 **PA/07152/25 – Permess biex Jiżdied l-Użu ta' Stabbiliment Għal Sala ta' Tiġijiet**

Is-Sindku ġie a konjizzjoni dwar sottomessa quddiem l-Awtorita' tal-Ipjannar fil-Gazetta tal-Gvern għall-permess sabiex stabbiliment li jinsab taħt l-Esplora jkun jista' jestendi l-użu tiegħu għal wieħed fejn ikunu jistgħu jsiru tiġijiet.

Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill ser jissottometti l-oġġezzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar minħabba l-fatt li din hemm diġà Villa Bighi u Heritage Malta li jintużaw il-proprjeta' għall-funzjonijiet wali tat-tiġijiet. Bħala prinċipju, il-Kunsill mhux qiegħed joġġezzjoni għall-estensjoni tal-użu ta' dan l-istabiliment, iżda ser ikun qiegħed joġġezzjona minħabba li ser tiżdied il-problema tat-traffiku, parkeġġ kif ukoll li ser jiġġenera aktar storbju fl-akkwati fejn fil-viċin hemm ir-residenti.

Il-Kunsill semma' wkoll id-diffikultajiet rinfaċċati mir-residenti tal-Isla għal rigward tal-Maċina fejn parti minnha qed tintuża bħala sala ta' tiġijiet.

Is-Sindku ippropona li tiġi sottomessa oġġezzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ippjannar. Id-data tal-għeluq biex tiġi sottomessa l-oġġezzjoni hija l-5 ta' Diċembru 2025.

Il-Kunsill unanimament qabel li tiġi sottomessa l-oġġezzjoni.

**14.25.5 Korrispondenza**

14.25.5.1 **Talba għall-Approvazzjoni għall-Xogħolijiet fi Pjazza Sagra Familja mill-Għaqda Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja**

Il-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand l-Għaqda Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja fejn talbu sabiex il-Kunsill japprova talba ħalli jkunu jista' jsir xi taqba fi Pjazza Sagra. L-iskop huwa sabiex ċertu għarmar tal-festa jkun jista' jintrefa' mingħajr ma jibqa' żgombru fl-istess pjazza tul is-sena kollha.

Fl-istess korrispondenza huma talbu l-assistenza tal-Kunsill biex jikkomunika mal-entitajiet kkonċernati biex jittaffew l-ispejjeż għal dawn ix-xogħol li ser ikunu qed isiru. Importanti li din l-Għaqda tagħmel il-verifiki kollha mal-entitajiet kkonċernati.

Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba.

F'każ li ssir ir-riġenerazzjoni tal-Pjazza, ser ikun qiegħed jiġi maħsub sabiex ikun hemm allokat spazju adekwat għal dan il-għan.

**14.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

*Is-Sindku reġa' rrimarka għal darb'oħra, il-materji li jiġu trattati matul 'il-Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera' m'għandhomx ikunu dwar l-ilmenti.*

Is-Sa Speranza Chircop

14.25.6.1 Is-Sa Chircop reġgħet fakkret li l-Blood Mobile Unit ġej fis-7 ta' Diċembru 2025 quddiem il-Każin tal-Għadqa Mużikali San Gużepp. Hija talbet sabiex tintbagħat imejl lill-għaqdiet sabiex ikunu magħrfa b'dan is-servizz.

14.25.6.2 Is-Sa Chircop ser torganizza ħarġa kultural relatata mal-wirjiet ta' presepji tal-Milied. Din il-ħarġa ser issir bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

14.25.6.3 Is-Sa Chircop Rigward ilmentat dwar is-servizz tat-trasport pubbliku fejn drabi l-karozza tal-linja mhux qed tkun fil-ħin.

Is-Sindku rrimarka illi filwaqt li saru laqgħat mal-Awtorita` kkonċernata, jidher li għad fadal sabiex is-servizz jkompli jitjieb. Żied jgħid illi s-servizz ma huwiex fil-kontroll tal-Kunsill.

14.25.6.4 Is-Sa Chircop semmiet li l-kors tal-*crafts* mhux ser isir peress li l-parteċipazzjoni hija waħda fqira.

Is-Sa Maria Sultana

14.25.6.5 Is-Sa Sultana fakkret illi matul dan ix-xahar, il-Kunsill organizza attività` fejn it-tfal tal-iskola marru fi Ġnien Rnella sabiex jaqtgħu iż-żebbuġ mis-siġar ħalli jiġi magħsur u bbotiljat. Deher li b'din l-attività, it-tfal tal-iskola ħadu ħafna gost jaqtgħu ż-żebbuġ.

Is-Sindku rrimarka illi l-ħaddiema tal-Kunsill komplew jaqgħtu aktar żebbuġ madwar il-Kalkara. Semma' wkoll li din is-sena nqata' aktar żebbuġ minn sentejn ilu. Huwa xtaq illi jiġi ffilmjat il-proċess tal-għasir kollu iżda minħabba raġunijiet kummerċjali dan ma setgħax isir.

14.25.6.6 Is-Sa Sultana tkellmek mal-Kap tal-Iskola dwar Jum il-Kalkara. Talbet sabiex issir quddiesa imma minħabba d-diversita` fir-reliġjonijiet qalb it-tfal tal-iskola, il-quddiesa ma tistax issir. Is-Sa Sultana tkellmek dwar kif imxew is-sena l-oħra fejn il-quddiesa saret fil-Kappella tal-Kapuċċini. Il-Kap tal-Iskola wriet ix-xewqa li ssir il-quddiesa u li jkun hemm il-ferrovija li twassal it-tfal lura l-iskola.Talbet li għal din is-sena terġa' tiġi bbukjata l-ferrovija.

Is-Sultana xtaqet li l-quddiesa ssir fil-Parroċċa imma f'każ li dan mhux possibbli, il-quddiesa ssir fil-Kappella tal-Kapuċċini.

14.25.6.7 Matul Jum il-Kalkara ser jiġu nawgurati l-*open libraries* mit-tfal tal-iskola. F'każ li tkun ix-xita, l-inawgurazzjoni tal-*open libraries* issir l-iskola.

14.25.6.8 Is-Sa Sultana infurmat li l-Laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal ser issir fis-17 ta' Diċembru 2025. Xtaqtek li dakinhar jingħata rigal żgħir lit-tfal li jattendu għal-laqgħat.

14.25.6.9 Is-Sa Sultana faħħret l-inizjattiva tal-Kunsill fejn inxtraw *rain jackets* għall-iSchool Grannies. Talbet sabiex dawn il-ġaketti jkollhom il-logo tal-Kunsill fuq quddiem.

14.25.6.10 Bħal kull sena, fid-19 ta' Diċembru, l-iskola ser torganizza Purċissjoni qasira mit-tfal tal-iskola Primarja fejn jakkumpanjaw il-bambin mill-iskola tal-Knisja.

Is-Sur Vincent Bongailas

14.25.6.11 Is-Sur Bongailas tkellem dwar l-attivitajiet sportivi tax-xitwa. Huwa żied jgħid li s'issa hemm 8 persuni interessati li jipparteċipaw. Is-Sur Bonagilas ser jinforma l-Kunsill meta jkollu d-dati ta' meta ser isiru dawn l-attivitajiet sportivi.

Is-Sur Christopher Bruno

14.25.6.12 Is-Sur Bruno rringrazzja l-Kunsill għall-parkeġġ li sar fi Triq Patri Matthew Sultana u fi Triq Starubenzee.

14.25.6.13 Is-Sur Bruno talab sabiex jitwaħħlu reflectors madwar ir-roundabout fi Triq Straubenzee. Is-Sindku żied jgħid ta' l-palma li tinsab imwaħla fl-istess roundabout ser tiġi ssaportjata bil-ventijiet.
sapport

12.25.7 **Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm.

12.25.8 **Mistoqsijiet lis-Sindku**

Ma kienx hemm.

12.25.9 **Mozzjonijiet**

Fuq talba tas-Sa Sultana ssekondata mis-Sur Bongailas fejn intalab li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss fit-18 ta' Diċembru 2025 issir fis-2pm minflok fil-5.30pm.

Il-Kunsill unanimament qabel ma' din it-talba.

12.25.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Chrisopher Bruno ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

12.25.11 **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fl-5.10pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2025, fil-2pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**